MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Numru. 1118/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**
**KONTRA**

**CHARLO BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Charlo Borg ta' 33 sena, bin George u Mary nee' Ebejer, mwieled Pieta' nhar l- 10 ta' Ottubru 1977, residenti 23, Triq Hector Dalli, Zejtun u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 555977M;

Li gie imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) F’ dawn il- Gzejjer, fis- 26 ta’ Jannar 2007 jew fil- jiem ta’ qabel, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, vettura tal- ghamls Isuzu Chassis Cab bin- numru tar- registrazzjoni ABH 229, b’ valur li jeccedi l- €2,329.37, liema vettura kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar-radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad- dannu ta’ Mario Caruana mill-Birgu;

2) Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’ mezzi kontra l- ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l- €2,329.37 dghad- dannu ta’ Mario Caruana mill- Birgu;

3) U aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, ordna lil Joseph Caruana, jew b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill- istess Joseph Caruana fl-atti illi bihom Joseph Caruana ghamel falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’ falsifikazzjoni jew b’ tibdil fl- iksrittura jew fil- firem, billi halaq pattijiet, disposizzjonijiet jew oblligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l- atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, nkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatt, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom jew kellhom jippruvaw;

4) Kif ukoll talli fl- istss perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5) U aktar talli fl- istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju tal-provi difiza f' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu, zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ghazel li jirregistra ammissjoni wara illi hu xehed in difesa, u ghalhekk il-Qorti sejra ssib htija fih ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Mil-provi prodotti, u kkonfermati mill-istess imputat, kemm fix-xiehda tieghu kif ukoll fl-istqarrija moghtija minnu, din il-kawza ghandha l-origini taghha fi kwistjoni civili bejn l-imputat u Mario Caruana. Irrisulta li l-imputat kien xtara vann minn ghand Caruana, u bhala prezz ftiehemu li jkun hemm parti tpartit u parti hlas ta' flus kontanti, izda qatt ma kien hemm hlas tal-ammont kollu lil Caruana. It-transfer relattiv tal-vettura ma kienx sar, peress illi ma kienx ghad hemm hlas shih tal-prezz tal-vettura, allura l-imputat iffalsifika l-firma ta' Caruana fuq il-"log book" tal-vettura sabiex ikun jista' jirregistraha fuq ismu, kif fil-fatt ghamel. Dan sar billi qabbad lil hu Mario Caruana, Joseph, illum mejjet, biex jiffirma minflok huh Mario u hekk

ghamlu. Minn hemmhekk nibtet il-kwistjoni kollha, gie rrappurtat dan ir-reat u ttiehdu dawn il-proceduri.

Bl-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tiddilunga z-zejjed fuq il-mertu kollu, li ghandu wkoll indoli civili minhabba fin-nuqqas ta’ hlas shih tal-prezz bejn l-imputat u Caruana, u li fuq dan il-bilanc hekk dovut ma hemmx qbil. Kwantu ghall-piena, il-Qorti trid bil-fors tara l-parametri tal-ligi applikabbli ghal dan ir-reat. Zgur li l-imputat ma jimmeritax piena ta’ prigunerija effettiva, u ghalhekk din sejra tinghata bhala piena sospiza ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9. Peress illi l-ammont dovut lil Caruana bhala bilanc fuq il-prezz ma setax jigi stabbilit, il-Qorti m’hix sejra taghti provvediment ta’ hlas ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9, izda sejra thalli l-kwistjoni civili ghall-qrati civili.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 293, 294, 310 (1) (a), 308, 309, 183, 184, 185(2), 186, 188, 189, 189A, 17, 23, 23A(2), 31 u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tmintax- il xahar (18) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin ai terminu tal-Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------